# Il-Ħares

## (Nota Etimoloġika)

*Ta'* Fredu Nicholas

NAĦSEB li ftit hawn fostna l-Maltin li xi darba f'għomorhom ma semgħux lil xi ħadd igħid xi ħrafa fuq "il-ħares". Dal-ħares, li iktarx jidher, kif igħidu, fi djar qodma huwa dejjem muri bħala "tork" bis-sarwan u biċ-ċinetta jew *turban*. Dawk li jemmnu b'dan l-għajdut igħidu li l-ħares għandu erbat iswaba' biss u li bihom jċonqok kemm-il-darba tmur tgħid li rajtu; mill-banda l-oħra, jekk inti ma titkellimx u l-ħares ikun ħa grazzja miegħek, jagħtik bċejjeċ ta' flus li iktarx iħallilek bil-lejl fuq xi biċċa mobbli u minn xi drabi jurik ukoll jew iħallmek b'xi *trovatura* taħt l-għamla ta' ġarra moħbija f'xi rokna tad-dar, u gwaj għalik jekk titkellem għax flok flus issib faħam u minn fuq tiddobba wkoll xebgħa kif imiss!

Dat-twemmin ġej mill-Orjent. L-Orjentali tal-Lvant Qribi jemmnu wkoll bil-ħares u l-ħrejjef tagħhom huma l-istess bħal tagħna; lil dan isejħulu b'bosta ismijiet, bħallikieku: ġinn, għafrid, *ħaras-il-bejt*, jiġifieri "*l-ħares tad-dar*". Aħna l-Maltin insejħulu wkoll il-*ħares tad-dar* u m'hemm l-ebda dubju, għalhekk, li l-ħrafa tal-ħares ma ġitniex hawn mal-Għarab li ħakmu 'l pajjiżna qabel ma ġew imkeċċija mill-Konti Ruġġieru.

Issa ħalli naraw xi tfisser il-kelma *ħares*. Bil-Għarbi *ħàras* tfisser għassa; bħallikieku *ħàras-el-Melek* (l-Għassa Rjali); *ħàras-el-wàżara* (l-Għassa ministerjali); *ħàras-el-kàbari* (l-Għassa tal-pontijiet); mela "il-ħares tad-dar" għandha tfisser "il-għassa tad-dar" u billi din l-*għassa* aħna dejjem ingħidu li hija "tork" u anzi "tork iswed daqs għarka żift"; kif għedna l-ħrafa tal-ħares waslet hawn mal-Għarab.

Haġ'oħra u biżżejjed: spiss naqraw, sija fil-gazzetti kemm f'xi rivisti, kif ukoll nisimgħu f'xi *speeches* (u dawn ġie li smajniehom saħansitra fil-pubbliku f'xi okkażjonijiet nazzjonali) il-kelma "*torok suwed*": dawk is-*suwed* li kellhom fl-imgħoddi x'jaqsmu magħna ma kenux għajr Afrikani maqluba għal Misilmin, il-għaliex kulħadd jaf li t-Torok mhumiex suwed u lanqas l-Għarab, għalkemm dawn huma somor bħalma huma eluf ta'

Maltin. Mela l-ħares ma satax ikun Tork (u ma nafx jekk it-Torok jemmnux bih); lanqas kien Għarbi għax, kif għedna, dawn iż-żewġt ignus mhumiex suwed, għalhekk ma satax ikun ħlief *ħlieqa* li daħlet f'imħuħ morda u beżżiegħa u dawn meta jgħidu li raw il-ħares ma jkunux raw ħlief dak li ħoloq moħħom.